ANALISTA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-LINGWA (REF. CDT-AST3-2025-04)

GRAD:	**AST3 – Kandidati esterni** **AST1 sa AST3 - Kandidati interaġenzjali** **AST1 sa AST9 - Kandidati u Uffiċjali interni**
DIPARTIMENT:	Id-Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Operazzjonijiet
POST TAL-IMPJIEG:	Il-Lussemburgu

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (iċ-"Ċentru tat-Traduzzjoni") ġie stabbilit fl-1994 biex jipprovdi servizzi ta' traduzzjoni għad-diversi korpi tal-Unjoni Ewropea. Huwa bbażat fil-Lussemburgu. Sa mit-twaqqif tiegħu, l-ammont ta' xogħol taċ-Ċentru żdied b'mod konsiderevoli u issa jimpjega madwar 200 persuna.

Sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tad-Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Operazzjonijiet, u b'mod partikolari tat-Taqsima tas-Soluzzjonijiet Avvanzati tal-Lingwa, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni qed jorganizza proċedura ta' selezzjoni bil-ħsieb li tiġi kkompilata lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' aġent temporanju f'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għar-rwol ta' Analist tat-Teknoloġija Lingwistika.

Fl-2019, iċ-Ċentru bena u integra l-magni tat-traduzzjoni awtomatika tiegħu stess, b'enfasi fuq output ta' kwalità għolja għall-posteditjar f'oqsma speċjalizzati. Abbażi ta' dan is-suċċess, iċ-Ċentru espanda l-kapaċitajiet tiegħu tat-traduzzjoni awtomatika billi implimenta strateġija b'aktar minn magna waħda u integra soluzzjonijiet avvanzati oħra tal-lingwa, bħal sistema personalizzata ta' stima tal-kwalità tat-traduzzjoni awtomatika.

L-Analista tat-Teknoloġija tal-Lingwa se jappoġġa lit-tim tat-Teknoloġija tal-Lingwa f'għadd ta' kompiti, inkluż iżda mhux limitat għall-ippjanar u d-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-lingwa, il-kollegament mal-partijiet ikkonċernati u l-ġbir ta' rekwiżiti tan-negozju, il-bini u l-evalwazzjoni ta' mudelli u sistemi ta' tagħlim awtomatiku, u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet attwali u futuri.

Id-dmirijiet ewlenin tiegħek:

Filwaqt li jirrapporta direttament lill-Kap tat-Taqsima tas-Soluzzjonijiet Avvanzati tal-Lingwa, il-kandidat magħżul se jkun responsabbli għat-twettiq tal-kompiti li ġejjin:

- Jiġu mmappjati s-sorsi tad-*data* u jiġu kkurati l-ġabriet tad-*data* għall-applikazzjonijiet lingwistiċi.
- Jiġbor il-ħtiġijiet tan-negozju, u jabbozza u jsegwi l-istejjer tal-utenti għall-applikazzjonijiet lingwistiċi.
- Il-parametrizzazzjoni, l-iskeda u l-monitoraġġ tal-ipproċessar tad-*data* u tal-mudelli tal-pipelines tat-taħriġ.
- It-twettiq ta' ttestjar tal-aċċettazzjoni ta' titjib u karatteristiċi ġodda introdotti mit-tim.
- Jiskeda l-iskjerament ta' mudelli ta' tagħlim awtomatiku u jimmonitorja l-prestazzjoni tagħhom.
- Janalizza l-feedback tal-utenti, bħal kwistjonijiet bit-traduzzjoni awtomatika, u joffri appoġġ tal-ewwel livell.
- Jikteb artikli u jikkomunika ma' udjenzi interni jew esterni dwar it-teknoloġiji lingwistiċi.
- Jagħti taħriġ fil-livell tal-utent dwar it-traduzzjoni awtomatika u t-teknoloġiji tal-lingwa fuq talba.
- Jassisti fl-evalwazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u mudelli u applikazzjonijiet ta' tagħlim awtomatiku.
- Iwettaq attivitajiet ta' sorveljanza tat-teknoloġija u jsegwi l-aħħar xejriet fit-teknoloġiji tal-lingwa.
- Jipprovdi statistika, rapporti u analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji dwar it-teknoloġiji u l-attivitajiet lingwistiċi.

2. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

- Ikun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Kwalifiki u esperjenza professjonali:

- livell ta' edukazzjoni postsekondarja li jikkorrispondi għal **mill-inqas sentejn ta' studju** attestat b'diploma[1], segwit minn **mill-inqas tliet snin** ta' esperjenza professjonali rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura,

jew

- edukazzjoni sekondarja attestata minn diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja, segwita minn **mill-inqas 6 snin** ta' esperjenza professjonali rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura.

- għarfien lingwistiku: għarfien profond ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni Ewropea (mill-inqas livell C1), u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea, sal-livell meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet meħtieġa (mill-inqas livell B2)[2]. It-testijiet se jsiru bl-Ingliż. L-għarfien tal-Franċiż jista' jiġi ttestjat ukoll abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant dwar il-kompetenza lingwistika.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' hawn fuq japplikaw għall-kandidati kollha (interni, interaġenzjali u esterni).

Hawn taħt hawn il-kriterji ta' eliġibbiltà għal kull kategorija:

<u>Applikanti esterni</u>

- Livell ta' edukazzjoni postsekondarja li jikkorrispondi għal mill-inqas sentejn ta' studju attestat b'diploma, segwit minn mill-inqas 3 snin esperjenza professjonali rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura,
  jew
- edukazzjoni sekondarja ċċertifikata b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni postsekondarja, segwita minn mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali rilevanti għad-dmirijiet deskritti f'din il-proċedura.

<u>Applikanti interaġenzjali</u>

- Fid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u fil-jum meta timtela l-pożizzjoni vakanti, jiġi impjegat bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS fi ħdan l-aġenzija tiegħu fi grad u grupp ta' funzjoni li jikkorrispondi għall-kategorija tal-grad AST1– AST3;
- Ikollhom mill-inqas sentejn servizz fl-aġenzija tagħhom qabel ma jiċċaqalqu;
- Ikunu kkompletaw b'suċċess il-perjodu ta' prova kif previst fl-Artikolu 14 tas-CEOS fil-grupp ta' funzjoni rilevanti.

[1] Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.
[2] Livelli definiti skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL).

Applikanti interni

- Ikunu membri tal-persunal temporanju impjegati skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS fiċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fil-grad AST1– AST9.
  jew
- Ikunu Uffiċjali fiċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fil-grad AST1– AST9.

Sabiex ikun eliġibbli biex jipparteċipa f'din il-proċedura tal-għażla, l-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti elenkati hawn taħt fi **08.12.2025**, id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

ĦILIET TEKNIĊI ESSENZJALI U ESPERJENZA PROFESSJONALI:

- Mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali ppruvata b'teknoloġiji tal-lingwa jew fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali.
- Esperjenza fil-ġestjoni tar-riżorsi lingwistiċi, bħal memorji tat-traduzzjoni jew bażijiet ta' termini.

ĦILIET TEKNIĊI MIXTIEQA

- Ħila li tevalwa d-*data* u l-proċessi biex jiġu identifikati lakuni u ineffiċjenzi.
- Esperjenza fil-ġbir tal-ħtiġijiet tan-negozju u fl-abbozzar ta' stejjer tal-utenti.
- Sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċikli ta' żvilupp tas-software jew il-metodoloġiji Agile.
- Esperjenza f'applikazzjonijiet u metriċi ta' traduzzjoni awtomatika.
- Għarfien tal-prinċipji u t-tekniki tal-IA jew l-NLP.
- Għarfien jew esperjenza fl-ittestjar tal-applikazzjonijiet lingwistiċi.
- Għarfien dwar l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tal-format għall-iskambju (eż. XLIFF, TMX).

ĦILIET MHUX TEKNIĊI:

Il-valuri ewlenin tas-CDT, elenkati hawn taħt, huma essenzjali għas-suċċess tal-organizzazzjoni tagħna. L-applikanti huma mistennija li jħaddnu dawn il-valuri u jinkorporawhom fl-imġiba ta' kuljum.

- Kollaborazzjoni: il-kultivazzjoni tal-kapaċità li wieħed jiffoka, allinjament u bini ta' gruppi effettivi; rieda ta' kondiviżjoni jew ħidma ma' sħab u rikonoxximent li l-organizzazzjoni fl-intier tagħha hija ikbar minn unitajiet individwali miġburin flimkien;

- Rispett: trattament tal-kollegi, tal-persunal, u ta' sħab b'rispett u sensittività; valur għad-diversità uu l-użu tal-punti b'saħħithom, il-kulturi, l-ideat, l-esperjenzi u t-talenti differenti tal-persuni; filwaqt li jingħataw opportunitajiet indaqs u ġusti f'dak li jirrigwarda l-impjieg, l-iżvilupp tal-karriera u l-apprendiment, tingħata' vuċi lil kull membru tat-tim; u jiġi żgurat ambjent tax-xogħol pożittiv u stimulanti;

- Integrità: ibbażata fuq l-impenn proprju u mhux fuq gwadann personali jew alleanzi b'interessi personali; billi tiġi protetta u promossa r-reputazzjoni tas-CdT; b'aġir onest u integru; filwaqt li ma tiġix ittollerata mġiba mhux etika iżda din tiġi ttrattata bħala kwistjoni ta' responsabbiltà personali, irrispettivament mill-pożizzjoni tal-persuna fl-organizzazzjoni; b'hekk jinżammu standards etiċi għoljin mingħajr abbuż mis-setgħa tal-awtorità;

- Awtożvilupp: teħid ta' inizjattiva fl-apprendiment u implimentazzjoni ta' kunċetti, teknoloġiji u/jew metodi ġodda; b'impenn li jittejbu kontinwament il-ħiliet proprji u dawk tat-tim, permezz ta' ġbir ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet ġodda u inkoraġġiment lit-tim biex jiżviluppa fuq bażi kontinwa;

- Bidla u innovazzjoni: l-abbiltà li jingħata bidu għall-bidla meħtieġa u attitudni pożittiva u miftuħa lejn il-bidla; fehim tal-mod kif it-teknoloġija qed tintuża attwalment biex l-organizzazzjoni tilħaq l-objettivi tagħha u tesplora għodod ġodda biex ittejjeb il-prestazzjoni tat-tim;

- Orjentament lejn il-klijent: sforzi lejn ħidma b'mod effettiv mal-pari, mas-sħab, u ma' oħrajn li mhumiex fil-linja ta' kmand, b'impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni tal-operat; billi jingħata servizz kemm lill-klijenti interni kif ukoll lil dawk esterni u jinbnew relazzjonijiet sostenibbli

4. PROĊEDURA TA' SELEZZJONI

a) STADJU TA' PRESELEZZJONI:

L-istadju ta' preselezzjoni se jsir f'żewġ partijiet:

- l-ewwel fażi se tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq (il-punt 2) u hija mfassla biex tistabbilixxi jekk l-applikant jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà obbligatorji kollha u r-rekwiżiti formali kollha stipulati fil-proċedura ta' applikazzjoni. F'każ li applikazzjoni ma tissodisfax dawn il-kriterji, se tiġi rrifjutata;

- it-tieni fażi se tqis l-esperjenza professjonali u l-ħiliet tekniċi essenzjali tal-applikant (il-punt 3). Dan l-istadju ser ikun immarkat fuq skala minn 0 sa 20 (marka minima meħtieġa: 12).

Il-kumitat tal-għażla se jistieden għall-istadju tal-għażla lill-20 applikant li jgħaddu mill-istadju tal-preselezzjoni u jiksbu l-aħjar marki.

b) STADJU TA' SELEZZJONI:

L-istadju tal-għażla ser isegwi l-proċedura deskritta hawn taħt. Dan ser jikkonsisti minn żewġ testijiet:

1. <u>Test bil-miktub</u> (bl-Ingliż jew bil-Franċiż[3]) li jikkonsisti minn:
   - mistoqsijiet biex jiġi vvalutat l-għarfien tal-applikanti fil-qasam tal-post vakanti rreklamat.

Durata: siegħa u 30 minuta.

It-test bil-miktub se jiġi mmarkat fuq 20 marka (marka biex tgħaddi: 12).

It-test se jsir online. L-applikanti mistiedna għat-testijiet bil-miktub jirċievu l-informazzjoni rilevanti kollha fi żmien debitu.

2. <u>Intervista mal-Kumitat ta' Selezzjoni:</u>

Din tiġi organizzata biex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-applikanti li kapaċi jwettqu d-dmirijiet deskritti hawn fuq. L-intervista tiffoka wkoll fuq l-għarfien speċjalizzat tal-applikanti u l-ħiliet mixtieqa elenkati fil-punti 3 u l-punt 1 hawn taħt. *Id-dmirijiet ewlenin tiegħek*.

[3] Jekk jogħġbok innota li l-applikanti kollha għandhom jagħmlu t-testijiet bl-Ingliż u dawk bl-Ingliż biss bħala l-lingwa materna tagħhom għandhom jagħżlu l-Franċiż.

L-intervista se ssir online u **tista'** ssir fl-istess jum tat-test bil-miktub, jew f'data aktar tard, skont id-deċiżjoni preċedenti tal-Kumitat ta' Selezzjoni.
L-intervista se ssir bl-Ingliż. L-għarfien tal-Franċiż jista' jiġi ttestjat ukoll abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant dwar il-kompetenza lingwistika.

Durata tal-intervista: madwar 40 minuta.

L-intervista se tingħata marki minn 20 punt (marka minima meħtieġa: 12).

Il-Kumitat ta' Selezzjoni għandu jfassal rapport dwar ir-riżultati tal-proċedura inkluż, fejn xieraq, kwalunkwe osservazzjoni u l-għażla tal-kandidat u lista ta' riżerva tal-applikanti magħżula skont l-ordni tal-mertu. Id-deċiżjoni finali tittieħed mid-Direttur, li tista' tiddeċiedi li torganizza ċiklu addizzjonali ta' intervisti mal-kandidati online jew personalment qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali.

Jekk jogħġbok kun af li l-inklużjoni f'lista ta' riżerva ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ.

Fil-jum tal-intervista, l-applikanti li jiġu mistiedna jattendu għat-test bil-miktub u l-intervista għandhom jipprovdu dokumenti ta' sostenn rilevanti li jikkorrispondu mal-informazzjoni ddikjarata fuq il-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri kopji tad-diplomi, ċertifikati u dokumenti oħra li jattestaw l-esperjenza professjonali tagħhom u li jindikaw b'mod ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem, il-kariga, in-natura preċiża tal-kompiti tagħhom, eċċ. Jekk it-testijiet isiru mill-bogħod, l-applikanti jibagħtu kopji tad-dokumenti ta' sostenn mitluba hawn fuq permezz ta' email fuq: E-Selection@cdt.europa.eu

Madankollu, qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe kuntratt, il-kandidati li jintgħażlu għandhom jissottomettu d-dokumenti oriġinali u kopji awtentikati tad-dokumenti rilevanti kollha biex jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà.

Il-lista ta' riżerva tkun valida sa tmiem is-sena mit-tfassil tagħha u tista' tiġi estiża skont id-diskrezzjoni tal-awtorità taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg.

5. PROĊEDURA TAL-APPLIKAZZJONI:

L-applikanti interessati għandhom jimlew l-applikazzjoni online tagħhom fuq Systal (**Error! Hyperlink reference not valid.**) qabel l-iskadenza; fi **08.12.2025 fit-23.59, ħin lokali tal-Lussemburgu**.

Mal-applikazzjoni tagħhom f'Systal, l-applikanti għandhom jehmżu wkoll verżjoni elettronika tad-dokumenti li jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà. Jekk jogħġbok innota li f'każ ta' nuqqas ta' sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti, l-applikazzjoni tiegħek tiġi miċħuda.

Qabel ma jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, l-applikanti jridu jivverifikaw li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha elenkati fl-avviż ta' post battal, speċjalment f'termini ta' kwalifiki u esperjenza professjonali rilevanti.

Il-kandidati jiġu rrakkomandati bis-sħiħ biex ma jistennewx sal-aħħar ftit jiem qabel japplikaw. L-esperjenza wriet li s-sistema tista' titgħabba hekk kif toqrob l-iskadenza, u dan jagħmilha diffiċli biex l-applikazzjoni tiġi sottomessa fil-ħin. L-ebda estensjoni mhi se tingħata wara l-iskadenza finali taħt l-ebda ċirkostanza.

OPPORTUNITAJIET INDAQS

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta applikazzjonijiet irrispettivament mill-età, ir-razza, il-konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltajiet, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

INDIPENDENZA U DIKJARAZZJONI TA' INTERESSI

L-applikant li jintgħażel ser ikun meħtieġ jagħmel dikjarazzjoni li fiha jimpenja ruħu li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku, kif ukoll dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jkun ikkunsidrat li jaffettwa b'mod negattiv l-indipendenza tiegħu.

6. INFORMAZZJONI ĠENERALI:

RIEŻAMI - APPELL - ILMENTI

L-applikanti li jikkunsidraw li għandhom raġunijiet għal ilment rigward deċiżjoni partikolari jistgħu, fi kwalunkwe ħin tal-proċedura ta' selezzjoni, jitolbu aktar dettalji rigward din id-deċiżjoni mill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni, jibdew proċedura ta' appell jew jippreżentaw ilment lill-Ombudsman Ewropew.

TALBIET MINN APPLIKANTI GĦAL AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNAHOM

L-applikanti involuti fi proċeduri tal-għażla għandhom id-dritt speċifiku li jaċċessaw ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. Bis-saħħa ta' dan id-dritt, informazzjoni supplimentari dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura tal-għażla tista' tiġi pprovduta lill-applikanti fuq talba. L-applikanti għandhom jibagħtu t-talba tagħhom bil-miktub lill-President tal-Kumitat ta' Għażla fi żmien xahar minn meta jiġu nnotifikati bir-riżultati tagħhom miksuba matul il-proċedura tal-għażla. Huma ser jirċievu tweġiba fi żmien xahar. It-talbiet ser jiġu indirizzati filwaqt li titqies in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-kumitat ta' għażla, skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

PROTEZZJONI TA' *DATA* PERSONALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni (bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċedura tal-għażla) ser jiżgura li d-*data* personali tal-applikanti tkun ipproċessata kif mitlub mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 2018 L 295, p. 39). Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

L-applikanti għandhom id-dritt li jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fi kwalunkwe ħin (edps@edps.europa.eu).

Jekk jogħġbok ara l-avviż ta' privatezza speċifiku.

TALBIET GĦAL RIEŻAMI – PROĊEDURI TA' APPELL – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Ir-Regolamenti tal-Persunal huma applikabbli għall-proċeduri tal-għażla u, għaldaqstant, il-proċeduri kollha huma kunfidenzjali. Jekk, fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura tal-għażla, l-applikanti jqisu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati minn deċiżjoni partikolari, huma għandhom il-mezzi li ġejjin għad-dispożizzjoni tagħhom:

I. TALBIET GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI JEW GĦAL RIEŻAMI

Ibgħat ittra fejn titlob aktar informazzjoni jew rieżami, u tippreżenta l-każ tiegħek lil:

The Chair of the selection committee CDT-AST3-2025-04
Translation Centre
Bâtiment Technopolis Gasperich
Office 3077
12E, rue Guillaume Kroll
L-1882 Luxembourg

Tali talbiet jeħtieġ li jsiru fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data li fiha tintbagħat l-ittra li tinfurmak bid-deċiżjoni. Il-kumitat ta' għażla ser jibgħat tweġiba malajr kemm jista' jkun.

II. PROĊEDURI TA' APPELL

Ressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

Għall-attenzjoni tal-Awtorità Awtorizzata biex Tikkonkludi Kuntratti ta' Impjiegi
CDT-AST3-2025-04
Translation Centre
Bâtiment Technopolis Gasperich
Office 3077
12E, rue Guillaume Kroll
L-1882 Luxembourg

Għal dawn iż-żewġ tipi ta' proċeduri, l-iskadenzi speċifikati fir-Regolamenti tal-Persunal kif emendati bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2013 L 287, p. 15 5 – https://eur-lex.europa.eu/oj/direct-access.html?locale=mt) jibdew jgħoddu mid-data meta l-applikanti jiġu nnotifikati dwar l-att li allegatament jippreġudika l-interessi tagħhom.

Jekk jogħġbok kun af li l-Awtorità bis-Setgħa li Tikkonkludi Kuntratti ta' Impjieg m'għandhiex is-setgħa li temenda d-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' għażla. B'mod konsistenti l-Qorti tal-Ġustizzja dejjem sostniet li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu kumitati ta' għażla mhijiex soġġetta għal rieżami mill-Qorti sakemm ir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti ta' kumitati ta' għażla ma jkunux inkissru b'mod ċar.

III. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-applikanti jistgħu jressqu l-ilment tagħhom lil:

European Ombudsman
1 avenue du Président-Robert-Schuman – CS 30403
F-67001 Strasbourg Cedex

Skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (94/262/KEFA, KE, Euratom) (ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15).

Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman m'għandhom l-ebda effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex jitressqu ilmenti jew jiġu sottomessi appelli lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota wkoll li skont l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (94/262/CECA, KE, Euratom), kwalunkwe lment imressaq quddiem l-Ombudsman għandu jiġi ppreċedut bl-approċċi amministrattivi xierqa lill-korpi kkonċernati.

7. ĦATRA U KUNDIZZJONIJIET TAL-IMJIEG

Il-persuna li tintgħażel tiġi rreklutata fil-Grupp ta' Funzjoni/Grad AD5. Is-salarju fix-xahar bażiku għall-grad AST3 (stadju 1) huwa EUR 4 666,18. Minbarra s-salarju bażiku, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, bħall-benefiċċju tal-unità domestika, il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), eċċ.

Barra minn hekk, biex ikun eliġibbli, u qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul irid:

- ikun issodisfa kwalunkwe obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari;
- ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għall-kompiti involuti (igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin)[4];
- jgħaddi minn eżami mediku mwettaq miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

[4] L-applikanti għandhom jipprovdu ċertifikat uffiċjali li jikkonferma li ma għandhomx rekord kriminali.